A.L. 3 ta' l-2003

ATT DWAR SWIEQ FINANZJARI
(KAP. 345)

Regolamenti ta' l-2003 dwar *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut
(Ħtiġiet għal Rikonoxximent)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Swieq Finanzjarji, il-Ministru tal-Finanzi, fuq parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-Awtorità Kompetenti, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Isem u Bidu fis-seħħ.

1. (1) L-isem ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut (Ħtiġiet għal Rikonoxximent).

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fit-3 ta' Jannar, 2003.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti:

"Att" tfisser l-Att dwar Swieq Finanzjarji u l-kliem u frażijiet użati għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Att imsemmi, sakemm ma jkunux definiti mod ieħor hawnhekk; Kap. 345.

"applikant" tfisser persuna li tkun għamlet applikazzjoni lill-Awtorita` Kompetenti biex issir *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

"strument" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija mill-Att dwar Servizzi ta' Investimenti ; Kap. 370.

"*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut" għandha tfisser persuna li fir-rigward tagħha l-Awtorita` Kompetenti tkun ħarġet ordni ta' rikonoxximent;

"Skeda" tfisser l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ħtiġiet għal rikonoxximent.

3. (1) L-Iskeda tispeċifika l-ħtiġiet għal rikonoxximent li għandhom ikunu sodisfatti minn applikant jekk ikun se jikkwalifika

bħala *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut u li għandhom ikunu sodisfatti minn kull *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut fuq bażi kontinwa u li tibqa' sejra bla waqfien jekk trid tibqa' *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

(2) Il-piż tal-prova lill-Awtorità Kompetenti li l-ħtiġiet għal rikonoxximent kienu jew ikunu qegħdin jiġu sodisfatti kif imiss jaqa' esklużivament fuq l-applikant jew fuq l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, skond il-każ.

Sodisfazzjon ta' ħtiġiet għal rikonoxximent.

4. (1) Meta tiġi biex tqis jekk applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut ikunux jissodisfaw il-ħtiġiet ta' rikonoxximent li japplikaw għalihom taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti tista' tqis kull ċirkustanza oħra li jidhrilha rilevanti f'kull każ partikolari.

(2) Applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jistgħu jissodisfaw ħtiġiet ta' rikonoxximent li japplikaw għalihom taħt dawn ir-regolamenti billi jidħlu fi ftehim għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti dwar funzjonijiet speċifikati fil-ftehim imsemmi li għandu jitqiegħed fil-prattika f'isimhom minn xi persuna oħra.

(3) Ftehim tax-xorta msemmi fis-subregolament (2) hawn qabel għandu jsir bil-miktub, u għandu jsir bejn l-applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, skond il-każ, u l-persuna li jkollha taqdi l-funzjonijiet kollha f'isem l-applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut. Tali ftehim għandu jkun esegwit minn uffiċjali awtorizzati kif imiss tal-korp governattiv ta' l-entitajiet rispettivi.

(4) Meta applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jidħlu fi ftehim tax-xorta msemmija fis-subregolament (2) hawn qabel, kull tali ftehim m'għandux jaffettwa r-responsabbiltà imposta mill-Att fuq tali applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut li jissodisfaw il-ħtiġiet għal rikonoxximent li japplikaw għalihom taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Ir-responsabbilta' ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għal xi ksur tal-ħtiġiet għal rikonoxximent jew ta' xi regolamenti jew direttivi oħra maħruġin taħt dan l-Att, m'għandhomx ikunu affettwati jew ridotti meta *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut tidħol f'xi ftehim tax-xorta msemmija fis-subregolament (2) hawn qabel.

(6) Kull persuna li m'hix *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut u tkun sa taqdi xi funzjoni speċifikata għat-termini ta' xi ftehim tax-xorta msemmija fis-subregolament (2) hawn qabel għandha tkun ikkonfermata, wara l-verifika dovuta, mill-applikant jew Exchange ta' Investimenti Rikonoxxut skond il-każ, bħala persuna idonea u xierqa

li tkun kapaċi u lesta taqdi tali funzjonijiet. Din il-konferma għandha ssir mill-korp governattiv ta' l-applikant jew *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, skond il-każ, fil-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub f'dan is-sens li għandha tkun sottomessa lill-Awtorità Kompetenti flimkien ma' vera kopja debitament awtentikata tal-ftehim rilevanti tax-xorta msemmija fis-subregolament (2) hawn qabel.

(7) Minkejja dak kollu hawn qabel provdut, l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tkun responsabbli lejn l-Awtorità Kompetenti għas-superviżjoni tal-qadi kif imiss ta' kull funzjoni mwettqa minn xi hadd matul dak il-perjodu li fih kull ftehim tax-xorta msemmija fis-subregolament (2) hawn qabel jibqa' fis-seħħ.

SKEDA

PARTI I - ĦTIĠIET TA' RIKONOXXIMENT

Riżorsi finanzjarji

1. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha riżorsi finanzjarji biżżejjed għall-qadi kif għandu jkun tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel provdut, kull *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tissodisfa f'kull żmien dawk il-ħtiġiet ta' riżorsi finanzjarji minimi u ħtiġiet ta' rappurtar finanzjarju minimi li jistgħu jkunu preskritti mill-Awtorità Kompetenti minn żmien għal żmien.

(3) Meta jitqies jekk il-ħtieġa f'(1) hawn qabel hijiex sodisfatta, l-Awtorità Kompetenti tista' mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' tas-setgħat tagħha, tqis iċ-ċirkustanzi kollha f'relazzjoni ma' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, inklużi:

(a) kull attività magħmula jew proposta biex issir mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(b) ir-riskji ġenerali, operattivi, legali u tas-swieq li għalihom hi esposta;

(c) l-ammont u kompożizzjoni tal-kapital tagħha;

(d) l-ammont u kompożizzjoni ta' l-assi finanzjarji likwidi tagħha;

(e) l-ammont u kompożizzjoni ta' xi riżorsi finanzjarji oħra;

(f) il-benefiċji, responsabbiltajiet, riskji u espożizzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-konnessjonjiet tagħha ma' kull min ikun.

Adattabilità

2. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tkun persuna idonea u xierqa biex taqdi l-funzjonijiet tagħha u tkun ta' riputazzjoni tajba.

(2) Meta tqis jekk il-ħtiġiet ta' (1) hawn qabel humiex sodisfatti, l-Awtorità Kompetenti tista', bla preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħat tagħha, tieħu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li ġejjin f'relazzjoni ma' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut:

(a) l-istruttura tal-propjetà u kontroll tagħha;

(b) l-impenn muri mill-korp governattiv tagħha biex jissodisfa l-ħtiġiet għal rikonoxximent u biex jikkonforma ma' obbligi oħra f'dan l-Att u taħt dan l-Att;

(ċ) l-arranġamenti, prattiki u riżorsi biex twettaq l-obbligi tagħha f'relazzjoni ma' l-attivitajiet bħala *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għat-termini ta' l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu;

(d) l-arranġamenti biex tiżgura li timpjega jew taħtar individwi li huma onesti u juru livell għoli ta' integrità u huma kompetenti għall-funzjoni tagħhom;

(e) l-effettività ta' l-arranġamenti biex tikkontrolla konflitti ta' interess;

(f) l-indipendenza tal-funzjoni ta' konformità tagħha mill-funzjonijiet kummerċjali u tas-suq tagħha.

Kostituzzjoni u governanza

3. (1) Il-kostituzzjoni, governanza, struttura organiżżattiva u sistemi ta' tmexxija ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandhom ikunu adegwati u xierqa.

(2) Meta tqis jekk il-ħtiġiet ta' (1) hawn fuq humiex sodisfatti, l-Awtorità Kompetenti tista', bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat tagħha, tqis iċ-ċirkustanzi li ġejjin f'relazzjoni ma' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut:

(a) safejn il-kostituzzjoni u l-organizzazzjoni tagħha jipprovdu għal governanza effettiva;

(b) l-arranġamenti magħmulin biex jiżguraw li l-korp governattiv tagħha għandu kontroll effettiv fuq il-funzjonijiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(ċ) l-istruttura u organiżżazzjoni tal-korp governattiv tagħha, inklużi d-distribuzzjoni ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet fost l-uffiċjali, dipartimenti, membri, u kumitati;

(d) l-aċċess li d-dipartiment ta' konformità tagħha għandu għall-korp governattiv;

(e) id-daqs u l-kompożizzjoni tal-korp governattiv inklużi l-għadd u responsabbiltajiet ta' membri eżekuttivi u mhux eżekuttivi;

(f) l-għadd ta' membri indipendenti tal-korp governattiv;

(g) l-integrità u kompetenza tal-korp governattiv tagħha u ta' l-uffiċjali tagħha.

Sistemi u kontrolli

4. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tizgura li s-sistemi u kontrolli kollha wżati fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha huma adegwati u adatti għad-daqs u x-xorta tan-negozju tagħha.

(2) Sub-paragrafu (1) japplika b'mod partikolari, bla limitazzjoni, għal sistemi u kontrolli li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) it-trasmissjoni ta' informazzjoni;

(b) il-valutazzjoni u mmaniġġar ta' riskji għall-qadi tal-funzjonijiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(c) l-għemil u l-kontroll kontinwu tat-transazzjonijiet fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(d) l-operazzjoni ta' l-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 5(2)(e) hawn taħt; u

(e) il-ħarsien u l-amministrazzjoni ta' l-assi li huma propjetà ta' dawk li jużaw il-faċilitajiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, meta jkunu rilevanti.

(3) Meta tqis jekk il-ħtiġiet ta' (1) hawn qabel humiex sodisfatti, l-Awtorità Kompetenti tista', bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat tagħha, tieħu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li ġejjin f'relazzjoni ma' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut:

(a) it-tqassim ta' dmirijiet u responsabbiltajiet fost id-dipartmenti tagħha;

(b) ir-riżorsi umani impjegati fid-dipartimenti tagħha;

(ċ) l-arranġamenti ta' superviżjoni li għalihom kull dipartiment hu responsabbli;

(d) l-arranġamenti li bihom il-korp governattiv hu kapaċi jżomm taħt konsiderazzjoni l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet bejn, u l-ħatra, superviżjoni u rimunerazzjoni ta' uffiċjali tal-kumpanija;

(e) l-arranġamenti għal verifika interna u esterna;

(f) is-sistemi ta' teknoloġija ta' l-informatika, inklużi sistemi ta' *back-ups* għal dawn is-sistemi ta' teknoloġija ta' l-informatika u l-pjanijiet tagħha għal azzjoni fil-każ ta' ħsara lil dawn is-sistemi ta' teknoloġija ta' l-informatika;

(g) l-arranġamenti li bihom hi tkejjel u tikkontrolla tipi differenti ta' riskji;

(h) arranġamenti għal proċeduri ta' maniġġar ta' riskji;

(i) arranġamenti li bihom struzzjonijiet dwar l-ikklerjar u ħlasijiet li jirriżultaw minn transazzjoni jiddaħħlu fis-sistema tagħha sal-punt meta drittijiet jew responsabbiltajiet li joħorġu minn dik it-transazzjoni huma adempiti;

(j) arranġamenti u proċessi involuti fir-reġistrazzjoni ta' assi li huma propejetà ta' dawk li jużaw il-faċilitajiet ta' l-*Exchange ta'* Investimenti Rikonoxxut u miżmumin mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, inklużi r-reġistrazzjoni ta' l-identità tal-propjetarji ta' tali assi u ta' persuni oħra li għandhom interess fihom;

(k) ir-reġistrazzjoni ta' struzzjonijiet mogħtija f'relazzjoni ma' assi li huma proprjetà ta' dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha;

(l) ir-reġistrazzjoni ta' kull azzjoni meħuda fit-twettiq ta' struzzjonijiet riċevuti mill- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut f'relazzjoni ma' assi li huma proprjeta' ta' dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha;

(m) is-sistemi u kontrolli ddisinjati biex jiżguraw il-konfidenzjalità ta' ċerti klassijiet ta' informazzjoni u l-użu kif għandu jkun ta' tali informazzjoni.

(4) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tiżgura li għandha l-ħila tikkontrolla t-tħaddim u l-kwalità ta' impenji kontrattwali għal servizzi jew faċilitajiet li hi tgħaddi biex ikunu operati minn partijiet terzi.

Ħarsien għall-investituri

5. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tiżgura li negozju mmexxi permezz tal-faċilitajiet tagħha jitmexxa b'manjiera ordinata biex jagħti ħarsien kif għandu jkun lill-investituri.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' tas-subparagrafu (1), l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha, bis-saħħa ta' proċeduri adatti li jkunu jissodisfaw lill-Awtorità Kompetenti, tiżgura li:

(a) l-aċċess għall-faċilitajiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut ikun soġġett għal kriterji maħsubin biex iħarsu l-funzjonament ordinat tas-suq u l-interessi ta' l-investituri;

(b) in-negozjar fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut ikun limitat għal strumenti li fihom ikun hemm suq proprju;

(ċ) isiru arranġamenti adatti għal informazzjoni sensittiva għall-prezzijiet li għandha tkun aċessibbli (kemm mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jew, fejn hu xieraq u meħtieġ, minn dawk li jfornu l-istrumenti) lill-pubbliku;

(d) isiru arranġamenti adatti għal informazzjoni sensittiva għall-prezzijiet biex tinħażen, titħares u tkun ippubblikata jew b'xi mod ieħor tkun aċċessibbli (kemm mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jew, fejn hu xieraq u meħtieġ, minn dawk li jfornu l-istrumenti) lill-pubbliku;

(e) isiru arranġamenti sodisfaċenti biex ikun żgurat li jinqeda d-dmir fil-ħin lejn id-drittijiet u responsabbiltajiet tal-partijiet fi transazzjonijiet li jsiru fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut (li huma drittijiet u responsabbiltajiet relatati ma' dawk it-transazzjonijiet);

(f) isiru arranġamenti adatti għat-tqabbil ta' transazzjonijiet li jsiru fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jew permezz tagħha;

(g) isiru arranġamenti sodisfaċenti biex ikunu reġistrati transazzjonijiet li jsiru fl- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, u transazzjoniiet (kemm jekk isiru fl- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut kemm jekk le) li ġew mgħoddijin jew li jkunu se jiġu mgħoddijin permezz tal-faċilitajiet tagħha, u l-proċeduri għar-rappurtar ta' tali transazzjonijiet;

(h) ikunu stabbiliti proċeduri adegwati biex jiżguraw konformità mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut mar-regolamenti u/jew direttivi kollha li hi soġġetta għalihom;

(i) ikunu ttieħdu miżuri adatti biex inaqqsu l-possibiltà li faċilitajiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut jistgħu jintużaw għal skop konness ma' abbuż tas-suq, negozju bis-saħħa ta' informazzjoni minn ġewwa, jew xi reat kriminali ieħor, u biex iħaffu l-kxif tagħhom u jikkontrollaw kontinwament l-inċidenza tagħhom;

(j) ir-regoli tagħha jkunu jipprovdu għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 subartikoli (2) u (3) u l-artiklu 18 ta' l-Att f'kull ċirkustanza meta sospensjoni ta' kkwotar hija ordnata mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut; u

(k) isiru arranġamenti sodisfaċenti għall-ħarsien u amministrazzjoni ta' assi li jkunu proprjetà ta' dawk li jużaw dawk il-faċilitajiet, meta rilevanti.

(3) Meta tqis jekk il-ħtiġiet f'(1) u (2) (a) hawn qabel humiex sodisfatti, l-Awtorità Kompetenti tista', bla ħsara għall-ġeneralita' tas-setgħat tagħha, tqis ċ-ċirkustanzi li ġejjin f'relazzjoni ma' *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut:

(a) l-addattabilità tal-kriterji għas-sħubija applikati mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut u l-applikazzjoni ta' tali kriterji b'mod oġġettiv u b'manjiera mhux diskriminatorja;

(b) il-miżuri maħsuba biex jimpedixxu l-użu tal-faċilitajiet tagħha għal skopijiet abużivi u mhux xierqa;

(ċ) il-mezzi ta' ħarsien maħsubin biex iħarsu lill-investituri kontra frodi jew imġieba ħażina, nuqqas ta' ħsieb, negliġenza jew inkompetenza minn dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha;

(d) dawk l-arranġamenti maħsuba biex dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha jkunu jistgħu jikkontrollaw il-ħin kollu l-użu tagħhom u jqajmu mistoqsijiet dwar l-użu ta' dawk il-faċilitajiet li jkunu rrappurtati li għamlu;

(e) arranġamenti biex dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha jkunu jistgħu jikkonformaw mal-ħtiġiet regolatorji jew legali rilevanti;

(f) arranġamenti maħsubin biex inaqqsu r-riskju li l-faċilitajiet jintużaw b'modi li huma inkompatibbli ma' ħtigiet regolatorji jew legali rilevanti;

(g) regoli u proċeduri adottati għall-projbizzjoni ta' abbuż tas-suq, negozju bis-saħħa ta' informazzjoni minn ġewwa jew xi forma oħra ta' prattiki ta' negozju abużivi minn dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha;

(h) arranġamenti u prattiki li jagħtu lill-membri u klijenti l-okkażjoni li jġibu l-aħjar prezz li jista' jinġieb f'dak il-waqt għad-daqs u xorta tan-negozju tagħhom;

(i) arranġamenti u prattiki li jiżguraw trasparenza suffiċjenti qabel u wara negozju, waqt li jitqiesu l-prattiki fis-swieq u sistemi ta' negozju wżati;

(j) proċeduri li jagħtu ħila lill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut li tinfluwenza kondizzjonijiet tan-negozju jew ma tkomplix jew tissospendi n-negozju mill-ewwel meta hu meħtieġ biex iżżomm suq ordinat.

(4) Meta tikkunsidra jekk "suq adatt" ikunx jeżisti għall-finijiet tal-paragrafu (2) (b) hawn qabel, l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut tista', bla ħsara għall-ġeneralita` tas-setgħat tagħha, tqis iċ-ċirkustanzi li ġejjin f'relazzjoni ma' istrument:

(a) l-eżistenza ta' numru suffiċjenti ta' persuni li diġà għandhom l-istrument jew huma interessati li jinnegozjaw fih biex joħolqu forzi adegwati ta' provvista u domanda;

(b) safejn hemm limitazzjonijiet f'relazzjoni mal-persuni li jista' jkollhom istrument jew jinnegozjaw fih jew l-ammont ta' l-istrument li jista' jkun għand persuna;

(ċ) jekk hemmx informazzjoni adegwata fil-qasam pubbliku biex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jaslu għal ġudizzju raġonevolment infurmat dwar il-valur ta' l-istrument u r-riskji assoċjati miegħu;

(d) l-adattabilità ta' tali istrument għal investituri jew klassi ta' investituri.

Kxif ta' informazzjoni minn min joħroġ titoli

6. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tiżgura li kull min joħroġ titoli biex ikunu negozjati fiha huwa soġġett għal ħtiġiet dwar kxif ta' informazzjoni adegwati fir-relazzjoni ma' tali titoli u li dawk il-ħtiġiet ikunu implimentati kif għandu jkun f'kull waqt bl-iskop li jiżguraw li kull informazzjoni rilevanti tiġi mgħoddija kif għandu jkun lill-investituri.

(2) Ir-regoli ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandhom jagħmluha possibbli lill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, fil-każ ta' nuqqas ta' xi ħadd li jkun ħareġ titoli li jikkonforma ma' l-obbligi li jikxef, u fuq struzzjonijiet speċifiċi ta' l-Awtorità dwar l-Elenku għal dak l-iskop:

(a) li twaqqaf l-ammissjoni tat-titoli rilevanti milli jkunu negozjati;

(b) li tissospendi n-negozju tat-titoli rilevanti;

(ċ) li tippubblika l-fatt li dak li ħareġ it-titoli naqas milli jikkonforma ma' l-obbligi tal-kxif ta' informazzjoni; u

(d) li tippubblika hija stess kull informazzjoni li dak li ħareġ it-titoli naqas li jippubblika.

Dan il-paragrafu hu bla ħsara għall-ħtiġiet li hemm fil-paragrafu 5(2)(ċ) hawn fuq.

Promozzjoni u żamma ta' standards

7. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tkun kapaċi u lesta li tippromwovi u żżomm standards għolja ta' integrità u negozju ġust fit-tmexxija ta' attivitajiet minn persuni fil-kors ta' l-użu tal-faċilitajiet ipprovduti mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

(2) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tkun kapaċi u lesta li tikkoopera, billi taqsam informazzjoni jew b'mod ieħor, ma' l-Awtorità Kompetenti, u ma' kull awtorità, korp jew persuna oħra li għandhom responsabbiltà għas-superviżjoni jew regolamentazzjoni ta' xi attività jew servizz finanzjarju ieħor regolat, jew ma' regolatur barrani.

(3) Għall-finijiet tad-disposizzjoni ta' qabel din, l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha arranġamenti adatti mal-membri tagħha li tkun f'qagħda li tista' tikseb informazzjoni konfidenzjali mill-membri tagħha u tgħaddi tali informazzjoni lill-Awtorità Kompetenti u lil korpi adatti oħra u, b'mod partikolari, tgħin u tikkollabora ma' l-Awtorità Kompetenti bla dewmien biex twieġeb għal talba speċifika bil-miktub riċevuta mill-Awtorità Kompetenti fil-kors tal-qadi tal-funzjonijiet tagħha skond il-liġi.

Regoli, regolamenti u konsultazzjoni

8. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tiżgura li proċeduri adatti jkunu adottati biex tagħmel regoli jew regolamenti, biex iżżomm ir-regoli jew regolamenti tagħha taħt konsiderazzjoni, u biex temendhom.

(2) Il-proċeduri li hemm riferenza għalihom fid-dispożizzjoni ta' qabel għandhom jinkludu proċeduri għall-konsultazzjoni ma' dawk li jużaw il-faċilitajiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut f'każijiet li jitolbu dan.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (1) hawn qabel, l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tiżgura li r-regolamenti tagħha jindirizzaw, il-ħin kollu, kull waħda mill-materji li ġejjin:

(a) Amministrazzjoni ta'l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(b) Kriterji għall-akkwist, żamma u sospensjoni ta' jew skwalifika minn sħubija;

(ċ) Kondotta xierqa ta' regoli ta' negozju;

(d) Kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' persuni biex jutilizzaw il-faċilitajiet ta' l- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(e) Regoli u proċeduri li jeħtieġu li l-membri jfornu lill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut b'dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni kif tkun raġonevolment mitluba mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut biex tiżgura l-użu kif għandu jkun u legali tal-faċilitajiet tagħha;

(f) Regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' negozju, ħlas u depożiti, meta huma rilevanti;

(g) ħtiġiet minimi u proċeduri għall-elenkar u negozju ta' strumenti fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, inklużi ħtiġiet ta' elenkar kontinwu;

(h) Regoli u proċeduri relatati ma' l-amalgamazzjoni ta' kumpanniji elenkati;

(i) Ħtiġiet minimi u proċeduri relatati mat-tħassir mill-elenku ta' strumenti mill- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

(4) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tikkonsulta lil dawk li jużaw il-faċilitajiet tagħha fuq arranġamenti li hi tkun qed tipproponi tagħmel biex tittratta ma' dħul minn multi skond il-paragrafu 9(3) hawn isfel jew dwar bidliet li hi tkun qed tipproponi biex tagħmel f'dawk l-arranġamenti.

Dixxiplina

9. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha arranġamenti effettivi biex tikkontrolla l-ħin kollu u tinforza konformità:

(a) mar-regoli u regolamenti tagħha (inklużi regoli relatati ma' transazzjonijiet fi strumenti elenkati fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut meta tali transazzjonijiet ma jsirux fl-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut); u

(b) ma' l-arranġamenti magħmulin minnha kif imsemmi fil-paragrafu 5(2)(e) hawn qabel.

(2) Arranġamenti magħmulin bis-saħħa tal-paragrafu (1) għandhom jinkludu proċeduri għall-investigar ta' lmenti magħmulin lill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut dwar l-imgieba ta' persuni fil-kors ta' l-użu li jagħmlu tal-faċilitajiet ta' dik l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

(3) Meta arranġamenti magħmulin bis-saħħa tal-paragrafu (1) jinkludu disposizzjoni li titlob il-ħlas ta' multi, għandhom jinkludu arranġamenti biex ikun żgurat li kull ammont imħallas b'dan il-mod japplika biss b'waħda jew aktar mill-manjieri li ġejjin:

(a) biex ikopri l-ispejjeż magħmulin mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut fil-kors ta' l-investigazzjoni ta' ksur li dwaru l-multa titħallas, jew fil-kors ta' xi appell kontra d-deċiżjoni ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut f'relazzjoni ma' dak il-ksur;

(b) għall-benefiċċju ta' dawk li jużaw il-faċilitajiet ta' l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut;

(ċ) għall-Iskema ta' Kumpens għall-Investimenti mwaqqfa għat-termini ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti;

(d) għal skopijiet karitattevoli.

Lmenti

10. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha arranġamenti effettivi għall-investigazzjoni u riżoluzzjoni ta' lmenti li jirriżultaw mill-qadi, jew nuqqas ta' qadi, ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha: Iżda dak hawn qabel provdut ma jestendix għal ilmenti dwar il-kontenut ta' regoli magħmulin mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

(2) L-arranġamenti għandhom jinkludu arranġamenti biex ilment ikun investigat b'mod ġust u imparzjali minn persuna indipendenti mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut, u biex hi tirrapporta fuq ir-riżultat ta' l-investigazzjoni tagħha lill- *Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut u lil min ikun ilmenta.

(3) L-arranġamenti għandhom jagħtu lill-persuna msemmija fis-subparagrafu (2) is-setgħa li tirrikkmanda, jekk jidhrilha xieraq, li l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut:

(a) tagħmel ħlas ta' kumpens lil min ikun għamel l-ilment,

(b) tirrimedja l-materja li dwarha jkun sar l-ilment,
jew tieħu ż-żewġ passi flimkien.

(4) Subparagrafu (2) m'għandux ikun mifhum li qiegħed jimpedixxi lill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut milli tagħmel arranġamenti għall-investigazzjoni inizjali ta' lment immexxija mill-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.

Regoli fil-każ ta' nuqqas fir-rigward ta' kuntratti tas-suq

11. (1) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha regoli għal każijiet ta' nuqqas li, fil-każ ta' membru ta'l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut ma jkunx, jew jidher li ma jkunx, jissodisfa l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' kuntratt wieħed jew aktar tas-suq, tagħmilha possibbli li tittieħed azzjoni fir-rigward ta' kuntratti tas-suq mhux adempiti li hu jkun wieħed mill-partijiet fihom.

(2) Ir-regoli jistgħu jawtorizzaw it-teħid ta' l-istess azzjoni jew ta' azzjoni simili dwar xi membru li jidher li x'aktarx mhux se jasal biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' kuntratt tas-suq wieħed, jew aktar.

(3) L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandu jkollha arranġamenti adegwati biex tiżgura li l-partijiet f'kuntratt jiġu notifikati kemm jista' jkun malajr bin-nuqqas, l-identità tal-partijiet l-oħra fil-kuntratt, u b'kull deċiżjoni meħuda taħt ir-regoli dwar kuntratti li jkunu parti fihom.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra

12. L-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut għandha tkun kapaċi u lesta li tikkoopera, billi taqsam informazzjoni jew b'xi mod ieħor, ma' xi awtorità jew korp ieħor li għandu responsabbiltà dwar kull materja li tirriżulta minn, jew li tkun konnessa ma', nuqqas ta' membru ta'l-*Exchange* ta' Investimenti Rikonoxxut.